MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 715/2002/1

**Dereco Stores Limited gja**
**Derek Cold Stores Limited**

**Vs**

**Suncrest Hotels Plc**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm1,243.64c (elf, mitejn u tlieta w erbghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghal Lm554.88c (hames mija w erbgha u hamsin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata u Lm688.76c (sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) rapprezentanti imghaxijiet legali.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn qalet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici ma jirrizultax mill-kotba tas-

socjeta’ konvenuta u ghalhekk jispetta lis-socjeta’ attrici li tipprova l-kreditu pretiz.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li Emanuel Schembri, direttur tas-socjeta’ attrici xehed li l-istess socjeta’ kienet tbiegh merkanzija lis-socjeta’ konvenuta. S-socjeta’ konvenuta bdiet taqa’ lura fil-pagamenti. S-socjeta’ attrici kienet tibghat invoices regolarment u s-socjeta’ konvenuta qatt ma kkontestat dawn l-invoices.

Illi gew esebiti diversi statements, invoices u ittri mis-socjeta’ attrici fejn is-socjeta’ konvenuta giet mitluba ripetutament sabiex thallas l-ammont dovut.

Joseph Mary Gouder xehed ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta u qal li s-socjeta’ konvenuta kienet tixtri minghand is-socjeta’ attrici u kellha disghin (90) gurnata kreditu. Kien hemm zmien fejn is-socjeta’ konvenuta waqghet lura fil-pagmenti. John Mary Gouder qal li ghal zmien in kwistjoni hu ma kienx jahdem mas-socjeta’ konvenuta. X-xhud qal li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta kienet tircievi l-istatements hi ma kienetx taccetta li huma fondati.

Gouder qal li s-socjeta’ konvenuta kienet thallas kull invoice specifika u fir-remittance advice s-socjeta’ konvenuta kienet tghid ghal liema invoice qieghda thallas.

Gouder sostna li l-imghax gie kkalkulat, xahar xahar u ghalhekk ukoll is-socjeta’ konvenuta qieghda tikkontesta l-ammont pretiz ghaliex jekk l-imghax jigi kkalkulat b’dan il-mod tigi aktar minn tmienja fil-mija (8%) fis-sena. X-xhud qal li jaqbel mad-dokument a fol 13 rigward biss l-ammonti li nxtraw. Skond id-dokument ppreparat mix-xhud m’hemm ebda ammont dovut lis-socjeta’ attrici.

Illi fir-Risposta, s-socjeta’ konvenuta tghid li billi l-kreditu ma jirrizultax mill-kotba tas-socjeta’ konvenuta l-ammont mhux dovut. Illi din il-parti tar-Risposta ghandha tigi

michuda billi l-fatt li ammont ma jirrizultax mill-kotba tad-debitur ma jfissirx li l-ammont mhux dovut.

Illi s-socjeta' konvenuta qalet ukoll li s-socjeta' attrici ghandha tipprova l-kreditu taghha.

Illi gie stabbilit li s-socjeta' konvenuta kienet tixtri mis-socjeta' attrici izda ghal xi zmien waqghet lura fil-pagamenti. Illi m'hemmx dubju li kien jezisti relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet u allura billi s-socjeta' konvenuta kif tammetti hi stess "waqghet lura fil-pagamenti" l-imghax huwa dovut. Illi s-socjeta' konvenuta kienet tircievi statements li gew esebiti fejn l-imghax gie mitlub. Illi wiehed kien jippretendi li jekk is-socjeta' konvenuta kienet qieghda tikkontesta dawn l-statements kienet tikteb u tirrispondi lis-socjeta' attrici dwar dan il-fatt.

Illi l-Artikolu 1170 tal-Kap 16 jipprovdi li:

"The debtor of a capital sum bearing interest cannot, without the consent of the creditor, appropriate the payment to the principal in preference to the interest".

Illi kif iddikjarat fil-kawza "Lombard Bank Malta Plc Vs IV's Co. Ltd (PA 3/7/2003 Imhallef Mallia)" jista' jsir kapitalizazzjoni tal-imghax kull sitt (6) xhur fil-kaz ta' overdrafts izda mhux f'kaz bhal dan.

Illi b'nota pprezentata fit-23 t'Ottubru 2003 is-socjeta' attrici ddikjarat li l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta huwa Lm832.63c (tmien mija u tnejn u tletin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghal Lm816.76c (tmien mija u sittax-il lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) wara li nghata kreditu ta' disghin (90) gurnata u in kwantu ghal Lm15.87c (hmistax-il lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) bilanc.

Illi s-socjeta' konvenuta b'nota tikkontendi li dan it-Tribunal irid jichad jew jilqa' t-talbiet attrici kif maghmula u ma jistghax jaccetta l-prospett. Is-socjeta' konvenuta tghid li l-massimu li t-Tribunal jista' jikkundanna lis-socjeta'

konvenuta ghar-rigward ta' imghax huwa ta' Lm688.76c (sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) indikata fl-Avviz.

Fl-istess nota s-socjeta' konvenuta tghid li s-socjeta' attrici ma hadmitx l-imghax bil-mod korrett. Illi m'hemmx spjegazzjoni ta' din l-allegazzjoni u lanqas dettalji ta' kif suppost kellha tinhadem l-imghax. M'hemmx kontestazzjoni tal-prospett hlief allegazzjoni ta' kalkolu b'mod inkorrett.

Illi fid-dawl tal-provi prodotti jirrizulta li l-ammont dovut huwa dak kif spjegat fil-prospettipprezentat fit-23 t'Ottubru 2003. Illi fl-Avviz pero s-socjeta' attrici talbet Lm688.76c (sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) bhala imghax u mhux Lm816.76c (tmien mija u sittax-il lira Maltin u sitta u sebghin centezmu). Illi m'intalabx korrezzjoni fl-Avviz. Illi dan it-Tribunal ghalhekk jilqa' t-talba attrici biss ghal ammont ta' Lm15.87c (hmistax-il lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) bhala bilanc u Lm688.76c (sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) bhala imghax.

Ghaldaqstant, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm704.63c (seba' mija u erba' liri Maltin u tlieta u sittin centezmu) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal 1/5 mis-socjeta' attrici u 4/5 mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------